MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 226/2009

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited.**

**Vs**

**Mary Grace Scicluna u b'digriet datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2009 gie kjamat fil-kawza Ronald Scicluna.**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenuta, l-hlas tas-somma ta' seba mija, tlieta u sebghin ewro (€773.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilha. Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet (i) illi in linea preliminari n-negozju tal-hanut 'Antica Salumeria' fejn kienet tigi konsenjata l-merkanzija tas-socjeta' attrici kien jitmexxa esklussivament minn zewgha Ronald Scicluna li

ghalhekk ghandu jissejjah fil-kawza; (ii) illi fil-mertu huwa l-istess Ronald Scicluna (li minnu l-esponenti tinsab separata de facto) li ghandu jigi ritenut id-debitur tas-socjeta’ attrici ghaliex kien hu li jaghmel l-ordnijiet, jircievi l-merkanzija, ihallas ghaliha, u kellu esklussivament f’idejh it-tmexxija tan-negozju tal-hanut fuq imsemmi; (iii) salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2009 fejn gie ordnat li jigi kjamat in kawza r-ragel tal-konvenuta, Ronald Scicluna.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Ronald Scicluna li eccepixxa (i) illi huwa ma kienx involut fit-trattattivi bejn is-socjeta’ Alf. Mizzi and Sons Marketing Limited u Mary Grace Scicluna u lanqas fl-accettazzjoni tal-merkanzija, tant li s-socjeta’ attrici qed tindika lil Mary Grace Scicluna bhala l-persuna li accettat il-merkanzija; (ii) illi l-konvenuta u l-kjamat in kawza ghaddejjin minn proceduri ta’ separazzjoni.  Ghalhekk is-socjeta’ attrici ghandha taghti aktar dettalji a bazi ta’ x’hiex qed issir din it-talba kontra l-esponenti Ronald Scicluna.

Sema’ x-xhieda ta’ Tony Vella prodott mis-socjeta’ attrici.

Sema’ x-xhieda ta’ Marvin Sapiano prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi in sostenn tat-talba taghha, s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhieda taghha lil certu Tony Vella li jahdem bhala *accounts manager* mas-socjeta’ attrici, u Marvin Sapiano li jahdem fid-dipartiment tal-*credit control* tal-istess socjeta’ attrici.

Huma kkonfermaw illi l-konvenuta kienet imliet u iffirmat *credit application form* tas-socjeta’ attrici li kien jintitolaha ghal *credit terms* mas-socjeta’ attrici. Fil-fatt jirrizulta li din il-formola giet anki iffirmata mir-ragel tal-konvenuta, u cioe l-kjamat in kawza Ronald Scicluna. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti li n-numru tal-VAT li tnizzel f’dan il-*credit application form* huwa proprju n-numru tal-VAT tal-konvenuta Mary Grace Scicluna.

Ix-xhud Marvin Sapiano ezebixxa wkoll kopji tal-*invoices* li ghadhom pendenti sa llum u li ntbaghtu lill-konvenuta. Jirrizulta li l-istess Mary Grace Scicluna ffirmat dawn l-*invoices* kollha, bhala prova li hija rceviet il-merkanzija in kwistjoni.

Illi minn-naha taghhom, kemm il-konvenuta kif ukoll il-kjamat in kawza ma xehedux u lanqas ma pproducew xi prova kwalsiasi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom.

Illi ghalhekk in vista ta’ dan kollu t-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici giet ampjament ippruvata u ma jara l-ebda raguni ghalfejn m’ghandhiex tintlaqa. Peress illi jidher li l-partijiet ghadhom fil-fatt mizzewgin, u ma ngabet l-ebda prova kontrarja ghal dan il-fatt, u peress illi jidher li l-kjamat in kawza kien fil-fatt iffirma l-*credit application form*, huwa ghandu jirrispondi ugwalment ghat-talba attrici, dejjem bla pregudizzju ghal xi drittijiet jew obligazzjonijiet li jista’ jkollu fil-konfront tal-konvenuta fil-proceduri ta’ separazzjoni bejniethom.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi fl-ewwel lok, jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u jichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-kjamat in kawza u, fit-tieni lok, jilqa t-talba attrici, billi jikkundanna l-konvenuta u l-kjamat in kawza, jhallsu lis-socjeta attrici in solidum bejniethom, is-somma ta’ seba mija, tlieta u sebghin ewro (€773.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta u mill-kjamat nofs bin-nofs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------